KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fit-23 ta' April 2009 [1]

1. Wara xogħol li sar fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-1997 dwar il-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għamlet eżami u rieżami tal-iskemi fiskali adottati mill-Istati Membri fid-dawl tar-regoli tat-Trattat KE dwar l-għajnuna mill-Istat.

2. B'hekk il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid l-iskema fiskali implementata mir-Renju tal-Belġju favur ċentri ta' koordinazzjoni [2]. Filwaqt li hija kienet ikkunsidrat, fl-1984, fl-1987 u fl-1990, li din l-iskema ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni adottat, fis-17 ta' Frar 2003, deċiżjoni li tiddikjara l-imsemmija skema inkompatibbli mas-suq komuni [3]. Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja deċiż bis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni [4].

3. Parallelament, il-Kummissjoni eżaminat l-iskema fiskali introdotta fl-1997 mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar l-attivitajiet ta' finanzjament internazzjonali eżerċitati minn ċerti gruppi ta' impriżi (iktar 'il quddiem l-"iskema CFA").

4. Abbażi ta' din l-iskema, l-impriżi li kienu bbenefikaw minn awtorizzazzjoni individwali ta' perijodu ta' għaxar snin, jistgħu jikkostitwixxu riżervi għal riskji marbuta mal-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet. L-imsemmija skema ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni qabel ma ġiet implementata u din tal-aħħar iddeċidiet, fil-11 ta' Lulju 2001, li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 88 (2) KE.

5. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2003 [5], il-Kummissjoni kkunsidrat li din l-iskema kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni. Madankollu hija kkunsidrat li l-benefiċjarji ta' din l-iskema fid-data li fiha hija bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali setgħu jinvokaw aspettattiva leġittima li din l-iskema kienet kompatibbli mar-regoli tat-Trattat fid-dawl tal-

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ċentru ta' koordinazzjoni huwa impriża maħluqa minn grupp ta' kumpanniji multinazzjonali, li għandu l-għan li jipprovdi diversi servizzi lil dawn il-kumpanniji, b'mod partikolari fil-qasam finanzjarju.

3 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 564 finali dwar l-għajnuna mill-Istat implementata mill-Belġju favur ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju, kif ikkoreġuta bir-rettifika tat-23 ta' April 2003.

4 — C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479.

5 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/515/KE dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-attivitajiet ta' finanzjament internazzjonali (ĠU L 180, p. 52, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

pożizzjonijiet ripetuti tagħha rigward l-iskema fiskali Belġjana fl-1984, fl-1987 u fl-1990. Għalhekk, il-Kummissjoni awtorizzat lil dawn l-impriżi sabiex jibbenefikaw mill-iskema CFA sal-iskadenza tal-awtorizzazzjonijiet pendenti tagħhom, u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

6. Koninklijke Friesland Foods NV [6], li hija impriża Olandiża, ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.

7. Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Settembru 2007, Koninklijke Friesland Foods vs Il-Kummissjoni [7], il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat din id-deċiżjoni sa fejn kienet teskludi mill-iskema tranżitorja operaturi ekonomiċi bħal KFF li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu ressqu talba għal awtorizzazzjoni li fir-rigward tagħha l-amministrazzjoni fiskali Olandiża ma kinitx għadha ħadet deċiżjoni.

8. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha quddiemha appell ippreżentat mill-Kummissjoni minn din is-sentenza. Dan l-appell iqajjem, fis-sustanza, żewġ problemi ta' dritt marbuta mal-kwalità ta' KFF bħala benefiċjarja potenzjali tal-iskema ta' għajnuna u man-nuqqas ta' notifika ta' din l-iskema lill-Kummissjoni.

9. L-ewwel waħda hija marbuta mal-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat minn din l-impriża kontra d-deċiżjoni kkontestata. Il-kwistjoni hija dwar jekk KFF tistax tikkontesta l-legalità ta' din id-deċiżjoni quddiem il-qorti Komunitarja minkejja li fil-ġurnata tan-notifika tad-deċiżjoni hija ma kienet tibbenefika minn ebda dritt kweżit.

10. It-tieni problema ta' dritt titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-portata tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Il-kwistjoni hija dwar jekk KFF tistax, bl-istess mod bħall-impriżi benefiċjarji tal-iskema, tinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tibbenefika minn miżuri tranżitorji minkejja li din l-iskema ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni qabel ma ġiet implementata. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina jekk il-kundizzjonijiet li hija indikat fis-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, sabiex tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' ksur ta' dan il-prinċipju, humiex sodisfatti f'din il-kawża.

11. F'dawn il-konklużjonijiet se nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara l-appell fondat.

12. Prinċipalment, ser insostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ddeċidiet li KFF hija kkonċernata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata, wettqet żball ta' liġi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-ammissibbiltà tar-

6 — Iktar 'il quddiem "KFF".

7 — T-348/03, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

rikors li jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata.

13. Sussidjarjament, ser insostni li, anki jekk jitqies li r-rikors ta' KFF huwa ammissibbli, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn din l-impriża ma setgħetx tinvoka ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

14. Ser nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti hija stess deċiżjoni finali dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u li tilqagħha.

I — Il-kuntest ġuridiku Komunitarju

15. Fit-Trattat, l-għajnuna mill-Istat hija bħala prinċipju pprojbita, għalkemm b'ċerti derogi. L-Artikolu 87(1) KE jipprovdi:

"Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni."

16. L-Artikolu 87(2) u (3) KE jelenka mbagħad it-tipi ta' għajnuna mill-Istat li huma *ipso jure* kompatibbli mas-suq komuni u dawk li jistgħu jiġu kkunsidrati li huma kompatibbli miegħu.

17. L-Artikolu 88 KE jipprevedi:

"1. Il-Kummissjoni għandha teżamina kostantement ma' l-Istati Membri is-sistemi kollha ta' għajnuna li jeżiżtu f'dawk l-Istati. Hija għandha tipproponi lil dawn ta' l-aħħar kull miżura xierqa meħtieġa għall-iżvilupp progressiv u għall-funzjonament tas-suq komuni.

2. Jekk, wara li ssejjaħ lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li miżura ta' għajnuna mogħtija minn Stat, jew permezz tar-riżorsi ta' Stat, m'hijiex kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87, jew li dik l-għajnuna tkun applikata b'mod inġust, hija għandha tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-Istat interessat li jabolixxi dik l-għajnuna jew li jimmodifikaha fit-terminu preskritti mill-Kummissjoni.

[…]

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata, fil-ħin biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi modifikata għajnuna. Jekk tikkunsidra li proġett bħal dak ma jkunx kompatibbli mas-suq komuni skond it-termini ta' l-Artikolu 87, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu qabel dan. L-Istat Membru interessat ma jistgħax idaħħal fis-seħħ il-proġetti proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura ikollha deċiżjoni finali."

18. Fl-aħħar, l-Artikolu 89 KE jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jadotta regolamenti li jimplementaw l-Artikoli 87 KE u 88 KE. Skont din is-setgħa, il-Kunsill adotta, fit-22 ta' Marzu 1999, ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 [8], li jistabbilixxi regoli preċiżi dwar il-proċeduri li għandhom jittieħdu sabiex jiġi implementat l-Artikolu 88 KE.

II — L-iskema CFA

19. L-iskema CFA hija stabbilita bil-Liġi dwar it-taxxa tal-kumpanniji tal-1969 [9]. Din l-iskema ġiet emendata bil-Liġi tat-13 ta' Diċembru 1996 [10], li daħħlet l-Artikolu 15b sabiex tiġi miġġielda t-tendenza tal-impriżi Olandiżi ta' livell internazzjonali li jaħbu l-attivitajiet ta' finanzjament tal-grupp f'kumpanniji stabbiliti barra mill-pajjiż, u b'mod partikolari f'pajjiżi li joffru kenn fiskali (tax havens). Din l-iskema, kif emendata, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997.

20. L-Artikolu 15b tal-Liġi tal-1969 jippermetti lill-impriżi benefiċjarji li jikkostitwixxu riżerva għar-riskji marbuta mal-attivitajiet ta' finanzjament internazzjonali tagħhom. Din l-iskema hija aċċessibbli għal kull impriża, kemm jekk hija ta' oriġini Olandiża jew barranija, li tħallas it-taxxa fuq il-kumpanniji, sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin stabbiliti mill-imsemmija dispożizzjoni:

— l-impriża benefiċjarja għandha teżerċita attivitajiet finanzjarji li minnhom jibbe-

8 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

9 — Wet op de vennootschasbelasting 1969.

10 — Liġi li temenda l-Liġi dwar it-taxxa tal-kumpanniji tal-1969 sabiex tiġi miġġielda l-erożjoni tal-bażi taxxabbli u sabiex tissaħħaħ l-infrastruttura fiskali (Wet van 13 december 1996 tot wijziging van de wet op de vennootschapsbelasting 1969 met het oog op het tegengaan van uitholling van de belastinggrondslag en het versterken van de fiscale infrastructuur) (Stb. 1996, nru 65, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1969").

nefikaw l-entitajiet tal-grupp stabbiliti għall-inqas f'erba' pajjiżi jew għall-inqas f'żewġ kontinenti;

— hija għandu jkollha attività regolari ta' self u ta' investiment ta' fondi u għandha tkun tista' taġixxi b'mod kompletament indipendenti. Din l-attività għandha titmexxa esklużivament mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi;

— kull wieħed mill-erba' pajjiżi li fihom ikunu jinsabu l-entitajiet tal-grupp għandu joħloq mill-inqas 5 % mid-dħul taxxabbli li l-kumpannija taqla' mill-attivitajiet finazjarji tagħha. Kull wieħed miż-żewġ kontinenti għandu joħloq mill-inqas 10 % minn dan id-dħul.

21. Skont it-termini tal-Artikolu 15b(10) tal-Liġi tal-1969, l-ispettur tad-dipartiment tat-taxxi għandu jeżamina t-talbiet tal-impriżi li jkunu jixtiequ jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-iskema CFA. Dan għandu jagħti l-benefiċċju ta' din l-iskema, filwaqt li jipprevjeni l-kundizzjonijiet marbuta mal-użu tagħha fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-impriża, billi jadotta deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni CFA") [11].

III — Il-kuntest fattwali u proċedurali

A — *Il-fatti li ġraw qabel id-deċiżjoni kkontestata*

22. L-iskema CFA ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni qabel ma ġiet implementata fl-1 ta' Jannar 1997.

23. Wara riflessjoni dwar il-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri, il-Kunsill "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji" adotta kodiċi ta' kondotta fil-qasam tat-tassazzjoni tal-impriżi [12]. Grupp *ad hoc* kien responsabbli li jelenka l-miżuri nazzjonali fiskali li għandhom konsegwenzi ta' ħsara għas-suq komuni.

24. Wara dan il-pass, il-Kummissjoni impenjat ruħha li telabora linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 KE u 88 KE għall-miżuri li jikkonċernaw it-tassazzjoni diretta tal-impriżi. B'ħekk il-Kummissjoni adottat, fil-11 ta' Novembru 1998, avviż fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tannegozju dirett [tassazzjoni diretta tal-kumpanniji] [13]. Huwa abbażi ta' dan l-avviż li

11 — Ara d-Digriet DB 97/3951, tat-2 ta' Ottubru 1997, li jistabbilixxi d-deċiżjoni mudell imsemmija fl-Artikolu 15b tal-Liġi tal-1969 (Besluit nr DB 97/3951 van 2 oktober 1997 tot vaststelling van de modelbeschikking inzake artikel 15 b van de Wet op de venootschapsbelasting 1969).

12 — Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tal-1 ta' Diċembru 1997, dwar kodiċi ta' kondotta fil-qasam tat-tassazzjoni tal-impriżi (ĠU 1998, C 2, p. 2).

13 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 277.

l-Kummissjoni eżaminat jew eżaminat mill-ġdid l-iskemi fiskali fis-seħħ fid-diversi Stati Membri.

25. B'hekk, fit-12 ta' Frar 1999, il-Kummissjoni talbet mingħand l-awtoritajiet Olandiżi informazzjoni dwar l-iskema CFA. Dawn l-awtoritajiet irrispondew fit-8 ta' Marzu 1999.

26. Fis-27 ta' Diċembru 2000, KFF ressqet talba quddiem l-amministrazzjoni fiskali Olandiża sabiex tkun tista' tikkostitwixxi, sa mill-1 ta' Jannar 2000, riżerva skont l-iskema CFA (iktar 'il quddiem it-"talba CFA"). Din it-talba kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet mal-amministrazzjoni fiskali fl-24 ta' April 2001.

27. Permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju 2001, ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tal-31 ta' Ottubru 2001, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 88(2) KE [14]. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni preliminari tagħha tal-għajnuna, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-iskema CFA massuq komuni. Hija indikat li din l-iskema setgħet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li ma kienx jidher li setgħet tibbenefika minn waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 87(2) u (3) KE. Skont l-Artikolu 88(2) KE, il-Kummissjoni stiednet lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom f'terminu ta' xahar.

28. Fis-26 ta' Lulju 2001, l-amministrazzjoni fiskali Olandiża informat lil KFF bil-ftuħ, mill-Kummissjoni, tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

29. Wara l-ftuħ ta' din il-proċedura, it-talba CFA ta' KFF ġiet sospiża.

30. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Ottubru 2002, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi sostna quddiem il-Kummissjoni li, fid-dawl tal-aspettattivi leġittimi u tar-rispett tad-drittijiet kweżiti, din l-istituzzjoni kellha tippermetti lill-impriżi li kienu diġà benefiċjarji tal-iskema CFA sabiex ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw minnha sat-tmiem tal-awtorizzazzjonijiet mogħija.

31. Fl-aħħar nett, fil-5 ta' Diċembru 2002, is-Segretarju tal-Istat tal-Finanzi Olandiż adotta deċiżjoni li kienet tindika li l-amministrazzjoni waqqfet, minn dik id-data, l-ipproċessar ta' kull talba ġdida għall-applikazzjoni tal-iskema CFA.

14 — ĠU C 306, p. 6.

B — *Id-deċiżjoni kkontestata*

32. Fis-17 ta' Frar 2003, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

33. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonferma d-dubji tagħha dwar l-eżistenza u l-kompatibbiltà tal-iskema CFA maddritt Komunitarju. Hija tindika, l-ewwel nett, li din l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE u tispjega l-motivi għaliex hija tikkunsidra li din l-iskema ma tista' tibbenefika minn ebda waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 87(2) u (3) KE.

34. Il-Kummissjoni teżamina, it-tieni nett, l-aspettattiva leġittima tal-benefiċjarji tal-iskema CFA. Hija tirrikonoxxi l-eżistenza tagħha u tindika li din l-aspettattiva leġittima tiġġustifika li hija tirrinunzja milli tordna l-irkupru tal-għajnuna mogħtija.

35. Il-punti 111 u 112 tad-deċiżjoni kkontestata huma fformulati kif ġej:

"[…]

F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li, għalkemm l-iskemi Belġjani u Olandiżi mhumiex identiċi għal kollox, l-iskema CFA għandha xebh mal-iskema istitwita fil-Belġju bid-Digriet Irjali Nru 187, tat-30 ta' Diċembru 1982, dwar it-tassazzjoni ta' ċentri ta' koordinazzjoni. Fil-fatt, iż-żewġ sistemi jikkonċernaw attivitajiet fi ħdan grupp, u numru kbir ta' benefiċjarji tal-iskema CFA kienu diġà għamlu użu mill-iskema Belġjana ta' ċentri ta' koordinazzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 1984, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sistema [Belġjana ta' ċentri ta' koordinazzjoni] ma kinitx għajnuna fis-sens tal-Artikolu [87(1) KE]. Anki li kieku d-deċiżjoni ma ġietx ippubblikata, il-fatt li l-Kummissjoni ma qajmet ebda oġġezzjoni għas-sistema Belġjana ta' ċentri ta' koordinazzjoni kien sar pubbliku f'dan iż-żmien fl-erbatax-il rapport dwar il-kompetizzjoni kif ukoll f'risposta għal domanda parlamentari [15], kif enfasizzaw ukoll [ir-Renju ta]l-Pajjiżi l-Baxxi u t-terzi interessati.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza li hija adottat id-deċiżjoni tagħha dwar l-iskema Belġjana ta' ċentri ta' koordinazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tal-iskema CFA. Hija tosserva wkoll li l-benefiċjarji kollha tal-iskema tħallew jibbenefikaw mill-iskema CFA qabel id-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Lulju 2001 li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Għalhekk, il-Kummissjoni aċċettat l-argumenti [tar-Renju ta]l-Pajjiżi l-Baxxi u tat-terzi interessati dwar l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi min-naħa tal-benefiċjarji tal-iskema u rrinunzjat milli tordna l-irkupru tal-għajnuna mogħtija." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15 — Il-Kummissjoni tirreferi għan-nota ta' qiegħ il-paġna 16, li tirreferi għad-domanda bil-miktub Nru 1735/90 (ĠU 1991, C 63, p. 37). Hija tirreferi wkoll għad-domandi preċedenti tad-deputati Ewropej Belġjani Radoux Nru 2381/82 (ĠU 1983, C 170, p. 9) u Van Rompuy Nru 1817/83 (ĠU 1984, C 148, p. 14).

36. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni teżamina r-raġunijiet għaliex fil-fehma tagħha jidher li huwa neċessarju li tipprevedi perijodu tranżitorju għat-tmiem tal-effetti tal-iskema CFA. Hija għalhekk tagħmel distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet.

37. Fir-rigward ta' dak li għandu jsir dwar ir-riżervi diġà kkostitwiti mill-impriżi benefiċjarji fil-kuntest tal-iskema CFA, il-Kummissjoni tikkonstata li dawn ir-riżervi jagħmlu parti minn strateġija fit-tul u li l-vantaġġi marbuta magħhom inkisbu abbażi tal-aspettattivi leġittimi. Għalhekk, hija tikkunsidra li dawn l-impriżi benefiċjarji jistgħu jkomplu jużaw ir-riżervi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni Olandiża eżistenti [16].

38. Fir-rigward tal-kostituzzjoni ta' riżervi ġodda, il-Kummissjoni tirrileva li l-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u taċ-ċertezza legali ma jistgħux, bħala prinċipju, jibqgħu jiġu invokati wara deċiżjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni. F'dan ir-rigward, hija tindika li l-effetti tal-aspettattivi leġittimi ma jistgħux jibqgħu jeżistu wara terminu raġonevoli neċessarju għall-Istat Membru u għall-impriżi kkonċernati sabiex jadattaw ruħhom għas-sitwazzjoni l-ġdida. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest tal-proċedura u b'mod partikolari l-progress li diġà sar fuq livell Komunitarju fil-ġlieda kontra l-kompetizzjoni fiskali ta' ħsara. Hija tieħu inkunsiderazzjoni wkoll it-tneħħija mħabbra tal-iskema CFA mix-xahar ta' Diċembru 2002 u għalhekk it-tnaqqis progressiv fin-numru ta' benefiċjarji sal-2010 [17].

39. Għalhekk, fil-punt 118 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika kif ġej:

"Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-benefiċjarji tal-iskema CFA fid-data meta bdiet din il-proċedura jistgħu jkomplu jikkostitwixxu riżervi ġodda kif ukoll jużaw ir-riżervi diġà eżistenti skont id-dispożizzjonijiet tal-iskema CFA fis-seħħ, u dan sakemm jibqgħu fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lilhom, u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

40. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tislet il-konklużjoni li ġejja:

"(119) Il-Kummissjoni tikkonstata li [r-Renju ta]l-Pajjiżi l-Baxxi illegalment implementa l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni bi ksur tal-Artikolu 88(3) [KE]. Hija tikkonstata li l-iskema CFA hija inkompatibbli mas-suq komuni. Madankollu, fid-dawl tal-aspettattivi

16 — Ara l-punt 114 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata.

17 — Ara l-punti 115 sa 117 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni.

leġittimi tal-benefiċjarji u taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija preċedentement, ma hemmx lok li l-għajnuna mogħtija tiġi rkuprata u l-benefiċċju tal-iskema jista' jibqa' jinżamm sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

41. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata huwa fformulat kif ġej:

"Artikolu 1

L-iskema ta' għajnuna mill-Istat implementata [mir-Renju ta]l-Pajjiżi l-Baxxi fil-kuntest tal-Artikolu 15b tal-Liġi tal-1969 dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji, istitwita mil-Liġi tat-13 ta' Diċembru 1996, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

[Ir-Renju ta]l-Pajjiżi l-Baxxi għandu jtemm l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Madankollu, il-benefiċjarji ta' din l-iskema fil-11 ta' Lulju 2001 jistgħu jibqgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tagħha sal-iskadenza tal-awtorizzazzjonijiet ta' għaxar snin li ngħatawlhom mill-amministrazzjoni fiskali Olandiża. Fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni taliskema għandha tieqaf sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

C — Il-fatti li ġraw wara d-deċiżjoni kkontestata

42. Permezz ta' ittra tal-11 ta' April 2003, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talab b'mod partikolari lill-Kummissjoni tikkonferma bil-miktub li l-iskema tranżitorja prevista fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata kienet tapplika wkoll għall-impriżi li, għalkemm ma kinux jibbenefikaw minn deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali Olandiża li tagħtihom aċċess għall-iskema CFA, kienu ressqu talba f'dan is-sens qabel il-5 ta' Diċembru 2002, data li minnha 'l quddiem kull talba ġdida għal awtorizzazzjoni CFA kellha tkun irrifjutata, sa fejn dawn l-impriżi kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-iskema fil-11 ta' Lulju 2001.

43. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni indikat li mill-punt 118 talmotivi tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll mill-Artikolu 2 tal-istess deċiżjoni kien jirriżulta b'mod ċar li l-iskema tranżitorja ma kinitx tapplika għal dawn l-impriżi. Hija indikat ukoll li, jekk l-awtoritajiet Olandiżi

jiddeċiedu li jagħtu awtorizzazzjoni CFA lill-imsemmija impriżi, dan ikun ekwivalenti għall-għoti ta' għajnuna ġdida kuntrarja għad-deċiżjoni kkontestata.

44. Fil-21 ta' Awwissu 2003, l-amministrazzjoni fiskali Olandiża ċaħdet it-talba CFA ta' KFF abbażi tad-deċiżjoni kkontestata.

45. L-Artikolu 15b tal-Liġi tal-1969 tneħħa mit-Taqsima D tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-15 ta' Settembru 2005 [18].

46. L-Artikolu 2 ta' din il-liġi tal-aħħar jipprovdi, fis-sustanza, li, fir-rigward ta' persuna taxxabbli suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-iskema tal-Artikolu 15b tal-Liġi tal-1969, dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet li jirriżultaw minnu jibqgħu applikabbli. Huwa jipprevedi wkoll li din id-dispożizzjoni tranżitorja tapplika għal perijodu ta' għaxar snin li jibda mid-data li fiha l-persuna taxxabbli setgħet tikkostitwixxi riżerva, mingħajr ma dan il-perijodu jista' jaqbeż il-31 ta' Diċembru 2010.

18 — Liġi li temenda l-Liġi tal-1969 — tneħħija tal-iskema CFA (Wet van 15 september 2005, houdende wijziging van de wet op de vennootschapsbelasting 1969 — vervallen van concernfinancieringsregeling) (Stb. 2005, nru 468).

IV — Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

47. Permezz ta' rikors tal-10 ta' Ottubru 2003, KFF ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

48. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru fl-14 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. KFF ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq din l-eċċezzjoni fid-29 ta' Marzu 2004. Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Frar 2005, l-eċċezzjoni ġiet magħquda mal-mertu u l-ispejjeż ġew riżervati.

49. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li r-rikors ippreżentat minn KFF kien ammissibbli. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li dan ir-rikors huwa fondat u annullat l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jeskludi mill-iskema tranżitorja prevista minnu lill-operaturi li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu ppreżentaw quddiem l-amministrazzjoni fiskali Olandiża talba għall-applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni li dwarha kienet għadha ma tteħditx deċiżjoni f'din l-istess data.

V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

50. Skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni appellat missentenza appellata permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Novembru 2007.

51. Prinċipalment, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-fondatezza ta' dan l-appell u, konsegwentement, tannulla s-sentenza appellata, tiċħad ir-rikors għal annullament ippreżentat minn KFF u tikkundanna lil din tal-aħħar għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

52. Sussidjarjament, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tagħti drittijiet lil operaturi oħra apparti minn KFF li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu ppreżentaw talba għall-applikazzjoni tal-iskema CFA quddiem l-amministrazzjoni fiskali Olandiża, u tiċħad ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn huwa intiż li jingħataw drittijiet lil impriżi oħra apparti minn KFF.

53. KFF titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

VI — L-eżami tal-appell

A — *Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni dwar l-interess individwali ta' KFF*

1. L-argumenti tal-partijiet

54. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet b'mod żbaljat li KFF kienet individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

55. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta bbażat l-analiżi tagħha fuq is-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u meta xebbhet is-sitwazzjoni ta' KFF ma' dik tal-operaturi ekonomiċi li, f'dik il-kawża, kienu qegħdin jitolbu t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tagħhom. Issa, skont il-Kummissjoni, dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet mhumiex paragunabbli sa fejn KFF qatt ma bbenefikat mill-iskema CFA. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 100 tas-sentenza appellata, din l-impriża għalhekk mhijiex milquta "b'mod speċjali" mid-deċiżjoni kkontestata, iżda hija milquta eżattament bl-istess mod bħall-impriżi Olandiżi l-oħra li qatt ma bbenefikaw minn din l-iskema.

56. KFF issostni li dan l-aggravju mhuwiex ammissibbli. Hija tikkunsidra, fil-fatt, li l-kwistjoni dwar jekk id-differenza bejn talba inizjali għal awtorizzazzjoni u talba għal tiġdid hijiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk hija tagħmilx parti minn numru limitat, hija kwistjoni ta' fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teżamina fil-kuntest ta' appell.

2. Evalwazzjoni

57. Skont l-Artikolu 4 tagħha, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa l-uniku destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, il-persuni fiżiċi jew il-persuni ġuridiċi, bħal KFF, li jixtiequ jippreżentaw rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Huma għandhom, għalhekk, juru li l-imsemmija deċiżjoni tikkonċernahom direttament u individwalment.

58. Jekk ma jurux li huma jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet, allura r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kkontestata jkun inammissibbli.

59. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina jekk KFF, li t-talba tagħha għal awtorizzazzjoni kienet pendenti fil-ġurnata tan-notifika tad-deċiżjoni kkontestata, hijiex ikkonċernata individwalment minn din id-deċiżjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 u tal-ġurisprudenza Komunitarja.

60. Għalhekk, għandu jiġi ddeterminat jekk, skont il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni [19] u sussegwentement ikkonfermati minn ġurisprudenza stabbilita, KFF hijiex milquta mid-deċiżjoni kkontestata minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzaha fil-konfront ta' kull persuna oħra u tindividwalizzaha b'mod analogu għal kif inhuma d-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni [20].

61. Din il-ġurisprudenza ġiet applikata u ppreċiżata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam speċifiku tal-għajnuna mill-Istat. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li, f'dan il-qasam, impriża ma tistax tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali jekk hija tkun ikkonċernata minn din id-deċiżjoni minħabba li tkun tagħmel parti mis-settur inkwistjoni u minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja potenzjali tal-imsemmija skema biss [21].

19 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963 (25/62, Ġabra p. 197, 223).

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Jégo-Quéré (C-263/02 P, Ġabra p. I-3425, punt 45); tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (C-78/03 P, Ġabra p. I-10737, punt 33), u tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, Ġabra p. I-1451, punt 70).

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni (C-15/98 u C-105/99, Ġabra p. I-8855, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, l-impriża ma tistax tintlaqat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni bl-istess mod bħal impriża li tibbenefika effettivament mill-iskema inkwistjoni u li tista' tkun obbligata tħallas lura l-għajnuna mħallsa illegalment mill-Istat Membru.

63. Dan ir-raġunament jagħmel parti mill-ġurisprudenza stabbilita ferm li tgħid li impriża tista' tikkontesta l-legalità ta' att Komunitarju meta dan l-att jemenda d-drittijiet li hija tkun akkwistat qabel l-adozzjoni tiegħu [22].

64. B'hekk, anki jekk impriża tagħmel parti minn numru limitat ta' operaturi ekonomiċi, bħalma huwa l-każ ta' KFF u tat-tlettax-il impriża l-oħra li talbu l-awtorizzazzjoni tagħhom mingħand l-awtoritajiet fiskali Olandiżi, dan mhuwiex suffiċjenti sabiex jiġi rikonoxxut li hija individwalment ikkonċernata mill-att ikkontestat. Huwa meħtieġ ukoll li din l-impriża jkollha dritt ġuridikament protett li jippermettilha li tiġi individwalizzata bl-istess mod bħalma hija d-destinatarja ta' dan l-att skont il-ġurisprudenza tas-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

65. Issa, għandu jiġi kkonstatat li KFF ma għandha ebda dritt kważit akkwistat qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Hija ma kinitx benefiċjarja tal-iskema CFA meta ġiet adottata din id-deċiżjoni u ma ngħatatilha ebda garanzija f'dan is-sens mill-amministrazzjoni fiskali Olandiża. F'dawn iċ-ċirkustanzi u għalkemm tagħmel parti minn numru limitat ta' persuni taxxabbli, KFF ma tistax tintlaqat mid-deċiżjoni kkontestata bl-istess mod bħall-impriżi l-oħra benefiċjarji tal-iskema CFA li fir-rigward ta' uħud minnhom it-tmiem tal-awtorizzazzjoni tagħhom tressaq għall-31 ta' Diċembru 2010.

66. Għalhekk is-sitwazzjoni ta' KFF hija differenti ħafna minn dik taċ-ċentri ta' koordinazzjoni Belġjani inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, peress li dawn kienu diġà benefiċjarji tal-iskema inkwistjoni u kienu talbu t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni li kienet ingħatatilhom. Id-deċiżjoni inkwistjoni f'dik il-kawża kienet tirrigwarda għalhekk sitwazzjoni eżistenti fil-mument meta ġiet adottata u kienet tpoġġi f'dubju l-benefiċċju ta' drittijiet kważiti akkwistati miċ-ċentri ta' koordinazzjoni għal operazzjonijiet futuri.

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 1965, Toepfer u Getreide-Import vs Il-Kummissjoni (106/63 u 107/63, Ġabra p. 525, 533); tat-23 ta' Novembru 1971, Bock vs Il-Kummissjoni (62/70, Ġabra p. 897); tat-18 ta' Novembru 1975, CAM vs KE KEE (100/74, Ġabra p. 1393); tas-27 ta' Novembru 1984, Agricola commerciale olio *et* vs Il-Kummissjoni (232/91, Ġabra p. 3881) u Savma vs Il-Kummissjoni (264/81, Ġabra p. 3915); tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, Ġabra p. I-1853), u Il-Kummissjoni vs Infront WM, iċċitata iktar 'il fuq (punt 72).

67. Għalhekk, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ddeċidiet li KFF kienet ikkonċernata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata, wettqet żball ta' liġi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-ammissibbiltà tar-rikors li jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata.

68. Għalhekk, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara l-ewwel aggravju mqajjem mill-Kummissjoni bħala fondat u tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li r-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ppreżentat minn KFF kien ammissibbli.

69. Fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-proposta tiegħi u tikkunsidra li KFF hija kkonċernata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata u li hija għandha, barra minn hekk, interess ġuridiku, jien ser nindika r-raġunijiet għalxiex jien naħseb li l-appell jibqa', fi kwalunkwe każ, fondat.

70. Ser neżamina żewġ aggravji li, f'dan ir-rigward, nikkunsidra li għandhom iwasslu għall-annullament tas-sentenza appellata, jiġifieri dak ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u dak ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

B — *Sussidjarjament, fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi*

71. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata jagħti perijodu tranżitorju lill-impriżi li kienu jibbenefikaw mill-iskema CFA meta l-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-għajnuna fil-11 ta' Lulju 2001. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-aspettattiva leġittima ta' dawn l-impriżi li din l-iskema kienet kompatibbli mar-regoli tat-Trattat u fuq iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ [23].

72. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni, minħabba dan il-fatt, kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta ma pprovdiet ebda miżura tranżitorja għall-persuni taxxabbli, bħal KFF, li t-talba għal awtorizzazzjoni tagħhom kienet għadha pendenti meta saret in-notifika tad-deċiżjoni kkontestata.

73. Qabel ma jinbeda l-istudju ta' dan l-aggravju u sabiex nevalwa aħjar il-mod kif il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminatu fis-sentenza appellata, jidhirli li huwa importanti li nfakkar, preliminarjament, il-kontenut ta' dan il-prinċipju fid-dawl tal-ġurisprudenza Komunitarja.

23 — Ara l-punti 111 sa 118 tad-deċiżjoni kkontestata.

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

74. Il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jikkostitwixxi prinċipju ġenerali ta' dritt Komunitarju, li fid-dawl tiegħu tista' tiġi mistħarrġa l-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet [24].

75. Kif indika l-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [25], dan il-prinċipju jidher bħala l-korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li jeżiġi li l-leġiżlazzjoni Komunitarja tkun ċerta u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-individwi, fis-sens li huwa intiż li, fil-każ ta' emenda tar-regola tad-dritt, jiżgura l-protezzjoni tas-sitwazzjonijiet leġittimament kweżiti minn persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi b'mod partikolari [26].

76. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Avukat Ġenerali Léger fakkar li jkun hemm ksur ta' dan il-prinċipju meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti.

77. L-ewwel nett, għandu jkun hemm att jew aġir tal-amministrazzjoni Komunitarja li jista' jnissel din l-istennija u joħloq aspettattivi fondati. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jista' jiġi invokat biss kontra att Komunitarju sa fejn il-Komunità stess tkun preċedentement ħolqot sitwazzjoni li tista' tnissel dawn l-aspettattivi [27]. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni Komunitarja għandha tagħti garanziji preċiżi [28].

78. It-tieni nett, l-imsemmija aspettattivi għandhom ikunu leġittimi, jiġifieri li l-persuna kkonċernata ma għandhiex tkun f'pożizzjoni li tipprevedi t-tibdil fil-pożizzjoni ta' mġiba adottata preċedentement mill-amministrazzjoni. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, meta operatur ekonomiku prudenti u informat ikun f'pożizzjoni fejn jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' att Komunitarju ta' natura tali li jolqot l-interessi tiegħu, dan l-operatur ma

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 1975, CNTA vs Il-Kummissjoni (74/74, Ġabra p. 533, punt 44); tas-26 ta' Ġunju 1990, Sofrimport vs Il-Kummissjoni (C-152/88, Ġabra p. I-2477, punt 26); tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, Ġabra p. I-3061, punt 15); tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea (C-104/97 P, Ġabra p. I-6983, punt 52); tal-4 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-403/99, Ġabra p. I-6883, punt 35), u tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et* (C-17/03, Ġabra p. I-4983, punt 73).

25 — Nirreferi għall-punti 365 sa 433 tal-konklużjonijiet tiegħu.

26 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Frar 1996, Duff *et* (C-63/93, Ġabra p. I-569, punt 20), u tat-18 ta' Mejju 2000, Rombi u Arkopharma (C-107/97, Ġabra p. I-3367, punt 66).

27 — Sentenzi tad-19 ta' Mejju 1983, Mavridis vs Il-Parlament (289/81, Ġabra p. 1731, punt 21); tal-10 ta' Jannar 1992, Kühn (C-177/90, Ġabra p. I-35, punt 14); Rombi u Arkopharma, iċċitata iktar 'il fuq (punt 67); tal-15 ta' Lulju 2004, Gerekens u Procola (C-459/02, Ġabra p. I-7315, punt 29), kif ukoll Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 — Sentenzi tal-25 ta' Mejju 2000, Kögler vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (C-82/98 P, Ġabra p. I-3855, punt 33); digriet tat-13 ta' Diċembru 2000, Sodima vs Il-Kummissjoni (C-44/00 P, Ġabra p. I-11231, punti 50 sa 52), u s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 113), kif ukoll Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata), u d-digriet tat-13 ta' Diċembru 2000, Sodima vs Il-Kummissjoni (C-44/00 P, Ġabra p. I-11231, punti 50 sa 52).

jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta jiġi adottat dan l-att [29]. L-aspettattivi leġittimi maħluqa mill-att jew l-aġir tal-amministrazzjoni Komunitarja jkunu għalhekk "leġittimi" u għandhom, għaldaqstant, jiġu protetti meta l-persuna kkonċernata setgħet raġonevolment tistrieħ fuq iż-żamma jew l-istabbiltà tas-sitwazzjoni hekk maħluqa, kif jista' jagħmel operatur ekonomiku "prudenti u informat".

79. It-tielet nett, l-interess Komunitarju segwit mill-att ikkontestat ma għandux jipprekludi l-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji neċessarji għall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-interessat. Din il-kundizzjoni tal-aħħar tkun sodisfatta meta l-ibbilanċjar tal-interessi preżenti juri li, fiċ-ċirkustanzi talkaż, l-interess Komunitarju ma jirbaħx fuq dak tal-persuna kkonċernata fiż-żamma tas-sitwazzjoni li hija setgħet leġittimament tikkunsidra bħala stabbli [30].

80. Għandu jiġi spjegat ukoll li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi.

29 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-15 ta' April 1997, Irish Farmers Association *et* (C-22/94, Ġabra p. I-1809, punt 25); tal-15 ta' Lulju 2004, Di Lenardo u Dilexport (C-37/02 u C-38/02, Ġabra p. I-6911, punt 70), kif ukoll Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 — Ara, għal eżempji tal-ibbilanċjar tal-interessi preżenti, is-sentenzi tas-17 ta' April 1997, de Compte vs Il-Parlament (C-90/95 P, Ġabra p. I-1999, punt 39), u tas-17 ta' Lulju 1997, Affish (C-183/95, Ġabra p. I-4315, punt 57).

81. Huwa fid-dawl ta' dawn it-tliet kundizzjonijiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat u kkonfermat li KFF setgħet ġustament tinvoka l-benefiċċju tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

2. L-argumenti tal-partijiet

82. Insostenn ta' dan l-aggravju, Il-Kummissjoni tqajjem diversi argumenti.

83. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli ddeċidiet, fil-punti 125 u 126 tas-sentenza appellata, li mhuwiex rilevanti li tkun taf jekk KFF hijiex jew le benefiċjarja tal-iskema CFA jew jekk hija tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-iskema sabiex tevalwa jekk KFF għandhiex aspettattivi leġittimi.

84. It-tieni nett, il-Kummissjoni tpoġġi f'dubju l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar l-eżami tat-tliet kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi min-naħa ta' KFF.

85. F'dak li jirrigwarda l-ewwel kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' aspettattiva, il-Kummiss-

joni tfakkar li hija qatt ma tat, fir-rigward ta' KFF, garanziji preċiżi dwar il-kompatibbiltà tal-iskema CFA mas-suq komuni.

86. Hija tirrikonoxxi li t-teħid ripetut ta' pożizzjoni min-naħa tagħha fir-rigward tal-iskema fiskali Belġjana seta' effettivament joħloq "ċerta aspettattiva". Madankollu, dan mhuwiex impenn speċifiku fir-rigward ta' KFF, iżda sempliċi deċiżjoni dwar skema ta' għajnuna oħra, kemxejn paragunabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrileva li hija injorat l-eżistenza stess ta' din l-impriża peress li KFF ma kinitx esprimiet ruħha fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88 (2) KE.

87. F'dak li jirrigwarda t-tieni kundizzjoni dwar il-leġittimità ta' din l-aspettattiva, il-Kummissjoni tenfasizza li KFF qatt ma aġixxiet bħala operatur ekonomiku prudenti u informat.

88. Fl-ewwel lok, din l-impriża qatt ma kisbet awtorizzazzjoni, kuntrarjament għal uħud miċ-ċentri ta' koordinazzjoni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

89. Fit-tieni lok, u jekk jitqies li KFF effettivament kienet għamlet investiment kunsiderevoli sabiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-iskema CFA, kien biss fis-27 ta' Diċembru 2000 li din l-impriża ppreżentat it-talba tagħha għal awtorizzazzjoni. Issa, skont il-Kummissjoni, operatur prudenti u informat kellu jkun jaf, ħafna qabel l-1 ta' Jannar 2000, li l-Kummissjoni setgħet tikkwalifika l-iskema CFA bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għar-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-1 ta' Diċembru 1997 dwar kodiċi ta' kondotta fil-qasam tat-tassazzjoni tal-impriżi. Hija tirreferi wkoll għall-avviż tagħha fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett [tassazzjoni diretta tal-kumpanniji] tal-11 ta' Novembru 1998. Hija tindika wkoll stqarrija għall-istampa tat-23 ta' Frar 2000 li ġġib dikjarazzjoni tal-Kummissarju Ewropew għall-affarijiet tal-kompetizzjoni, Mario Monti [31].

90. Fl-aħħar lok, il-Kummissjoni tikkritika l-punt 134 tas-sentenza appellata li jgħid li l-Kummissjoni kellha tistieden lill-partijiet interessati sabiex jagħmlu osservazzjonijiet dwar eventwali aspettattiva leġittima li setgħet topponi l-ħlas lura tal-ammonti mħallsa. Hija tirrileva, fil-fatt, li dan l-argument ma jikkonċernax impriża bħal KFF li qatt ma kisbet għajnuna taħt l-iskema CFA.

91. F'dak li jikkonċerna t-tielet kundizzjoni dwar l-ibbilanċjar tal-interessi, għall-finijiet ta' kompletezza l-Kummissjoni tikkritika r-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

31 — Dikjarazzjoni tal-Kummissarju Monti dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ta' natura fiskali (IP/00/182).

Skontha, il-punt 139 tas-sentenza appellata huwa vvizzjat minn nuqqas ta' motivazzjoni u minn żball ta' fatt.

92. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma spejgatx għalfejn ma hemm ebda interess ta' ordni pubbliku li jipprekludi lil KFF milli tinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Skont il-Kummissjoni, il-fatt li hija tat skema tranżitorja lill-benefiċjarji effettivi tal-iskema CFA ma jistax ikun ta' bażi għar-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza peress li din l-iskema kienet ibbażata fuq it-tnaqqis progressiv tan-numru ta' applikanti.

93. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija tali li tpoġġi f'dubju l-effett utli tal-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88 (2) KE. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-benefiċjarji potenzjali tal-iskema CFA jistgħu jitolbu l-benefiċċju ta' miżuri tranżitorji għall-motiv biss li huma kienu ressqu talba għal awtorizzazzjoni, u dan anki jekk ma esprimewx ruħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-għajnuna.

94. Fl-aħħar lok, il-Kummissjoni tikkritika r-riferiment għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u b'mod partikolari għall-punt 165 tagħha, peress li dik il-kawża kienet tirrigwarda t-tiġdid ta' awtorizzazzjoni.

95. It-tielet nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' fatt meta ddikjarat, fil-punt 139 tas-sentenza appellata, li l-benefiċjarji effettivi tal-iskema CFA jistgħu jkomplu jibbenefikaw minnha "sal-2010". Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għall-formulazzjoni eżatta tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata.

96. Ir-raba' nett, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli kkunsidrat, fil-punti 141 sa 143 tas-sentenza appellata, li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ma kienx rilevanti li tkun taf jekk hija effettivament kinitx taf bis-sitwazzjoni konkreta ta' KFF fil-11 ta' Lulju 2001.

97. Skont il-Kummissjoni, dan ir-raġunament huwa kuntrarju għall-ġurisprudenza Komunitarja li tipprovdi li l-legalità ta' deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat tista' tiġi evalwata biss skont elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni seta' jkollha fil-mument meta hija adottat din id-deċiżjoni. Issa, f 'din il-kawża, il-Kummissjoni ssostni li hija qatt ma kienet taf bis-sitwazzjoni konkreta li fiha kienet tinsab KFF peress li din qatt ma ppreżentat osservazzjonijiet lill-Kummissjoni. Għalhekk, skont din tal-aħħar, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tivverifika jekk hija effettivament kellhiex din l-informazzjoni u, jekk le, tiddikjara inammissibbli kull motiv jew argument ibbażat fuq l-imsemmija informazzjoni.

98. Il-Kummissjoni żżid li, fis-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, benefiċjarju potenzjali ma jistax iqajjem argumenti bbażati fuq sitwazzjoni ta' fatt li l-Kummissjoni tkun injorat jekk ma jkunx ressaq quddiemha l-kummenti tiegħu fil-kuntest tal-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) KE.

99. KFF issostni, l-ewwel nett, li ma hemm xejn fil-ġurisprudenza li jagħti x'jifhem li l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandha tkun ibbażata biss fuq impenji konkreti ta' istituzzjoni Komunitarja. KFF tirrileva, barra minn hekk, numru ta' kontradizzjonijiet fir-risposta tal-Kumissjoni. Filwaqt li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni tiddikjara li d-deċiżjoni ta' kompatibbiltà li hija adottat fir-rigward tal-iskema fiskali Belġjana nisslet aspettattivi leġittimi fi ħdan il-benefiċjarji tal-iskema CFA, hija sostniet, fir-rikors tagħha, li din id-deċiżjoni tirreferi għal skema "kemxejn paragunabbli" u dan ma jammontax għal impenn speċifiku fir-rigward ta' KFF.

100. KFF tikkritika, it-tieni nett, l-argumenti tal-Kummissjoni fis-sens li hija ma kinitx operatur ekonomiku prudenti u informat. Hija tqabbel is-sitwazzjoni tagħha ma' dik tal-benefiċjarji tal-iskema fiskali Belġjana fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. KFF ma tarax għalxiex dawn il-benefiċjarji, fl-istennija ta' risposta għat-talba tagħhom għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni, jiqiesu bħala operaturi prudenti u informati filwaqt li hija, fl-istennija ta' risposta għat-talba tagħha għal awtorizzazzjoni CFA, ma tkunx. KFF issostni, barra minn hekk, li l-bidu, fil-11 ta' Lulju 2001, tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ma jistax iwassal għat-tmiem, f'dik id-data, tal-aspettattiva leġittima. Barra minn hekk, fir-rigward tal-bilanċ tal-interessi, il-fatt li l-aspettattiva leġittima tkun ta' "natura ġenerali ħafna" huwa mingħajr rilevanza. Fil-fatt, meta tiġi stabbilita l-aspettattiva leġittima, ikun x'ikun il-mod kif il-Kummissjoni wasslet għat-tnissil tagħha, l-interess tal-impriżi inkwistjoni għandu jiġi bbilanċjat mal-interess Komunitarju. Fi kwalunkwe każ, KFF issostni li l-Kummissjoni ma tressaq ebda argument tali li jipprekludi li skema tranżitorja tingħata lil erbatax-il impriża oħra.

101. KFF iżżid, fl-aħħar nett, li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni individwali dwar l-impriżi li, bħal KFF, kienu "benefiċjarji tal-iskema CFA". Skont KFF, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li talbiet għal awtorizzazzjoni setgħu kienu għadhom pendenti, fid-dawl tal-istruttura ġenerali tal-iskema stess. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar jekk KFF ippreżentatx il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE hija mingħajr rilevanza għall-finijiet tal-eżami ta' dan l-aggravju.

3. Evalwazzjoni

102. Naħseb li t-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni huwa fondat. Jidhirli, fil-fatt, li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta rrikonoxxiet li KFF kellha aspettattiva

leġittima li l-iskema CFA kienet kompatibbli mar-regoli tat-Trattat.

a) Fuq l-eżistenza ta' aspettattiva

103. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza aċċettat li l-aġir tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iskema fiskali Belġjana ħoloq l-aspettattiva li l-iskema CFA hija kompatibbli mas-suq komuni.

104. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq il-motivazzjoni tal-Kummissjoni spjegata fil-punti 111 u 112 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li fihom il-Kummissjoni taċċetta l-eżistenza ta' aspettattiva leġittima fi ħdan il-benefiċjarji tal-iskema CFA meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjonijiet li hija kienet adottat fir-rigward tal-iskema fiskali Belġjana.

105. Fil-fehma tiegħi, l-evalwazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza dwar din l-ewwel kundizzjoni hija żbaljata. Fil-fatt, naħseb li ma jista' jkun hemm ebda att u ebda aġir tal-Kummissjoni li jista' joħloq tali aspettattiva f'sitwazzjoni bħal din inkwistjoni, fejn l-iskema CFA ma kinitx innotifikata minn qabel, u dan kuntrarjament għar-regoli proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 88(3) KE.

106. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li operatur ekonomiku jista' jkollu u jista' jinvoka aspettattiva leġittima fir-rigward tar-regolarità ta' għajnuna fil-każ biss li din tkun ingħatat b'osservanza tal-proċedura prevista għal dan il-għan u, b'mod partikolari, tal-kompetenzi attribwiti lill-Kummissjoni [32]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, f'dan ir-rigward, li operatur ekonomiku diliġenti għandu normalment ikun f'pożizzjoni li jiżgura l-osservanza ta' din il-proċedura [33].

107. Din il-ġurisprudenza hija bbażata fuq in-natura obbligatorja tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u fuq il-bżonn li tiġi żgurata l-effikaċità tal-kontroll preventiv stabbilit mill-Kummissjoni. Dan il-kontroll huwa bbażat fuq l-obbligu ta' notifika ta' din l-għajnuna, obbligu li l-Qorti tal-Ġustizzja tikklassifika bħala "element ċentrali" [34]. Dan l-obbligu jippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura s-sorveljanza tas-suq komuni skont l-għanijiet segwiti mit-Trattat. L-imsemmi obbligu b'mod partikolari għandu l-għan li jneħħi eventwali dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk miżura nazzjonali tikkostitwixxix jew le għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 (1) KE. Għalhekk, huwa paċifiku li l-għan tal-obbligu ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat huwa ċ-ċertezza legali u għalhekk dan l-obbligu għandu jiġi osservat skrupolożament [35].

32 — Sentenza tat-22 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs Salzgitter (C-408/04 P, Ġabra p. I-2767, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 1997, Alcan Deutschland (C-24/95, Ġabra p. I-1591, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Salzgitter, iċċitata iktar 'il fuq (punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata). Nindika wkoll li, f'digriet tat-3 ta' Mejju 1996, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-399/95 R, Ġabra p. I-2441), il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċida wkoll li l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi "ksur partikolarment gravi, sa fejn [huwa] jikser [...] sistema essenzjali għas-salvagwardja tas-suq komuni" (punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Sentenza tal-15 ta' Frar 2001, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (C-99/98, Ġabra p. I-1101, punt 73).

108. B'hekk, sa fejn Stat Membru ma jkunx ħa l-prekawzjoni li jinnotifika lill-Kummissjoni b'għajnuna li jkollu l-intenzjoni li jimplementa, dan l-Istat Membru ma jistax jistenna, bħall-impriżi benefiċjarji ta' din l-għajnuna, li din tkun kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Għalhekk, l-aspettattiva li jista' jinvoka operatur ekonomiku, bħal KFF, ma tista' tkun ibbażata fuq ebda garanzija preċiża.

109. Għalhekk, u sa fejn l-implementazzjoni tal-iskema CFA ma kinitx innotifikata taħt xi forma kwalunkwe lill-Kummissjoni, minkejja n-natura ċara u inkundizzjonata ta' dan l-obbligu, naħseb li KFF mhijiex fondata li ssostni ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

110. Fil-fehma tiegħi, jekk jiġi aċċettat il-kuntrarju, ikun qed jitqiegħed f'dubju l-prinċipju stess tal-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 88(3) KE.

111. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa importanti li nfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, minkejja li huwa importanti ħafna, ma jistax jiġi applikat b'mod assolut u l-applikazzjoni tiegħu għandha tingħaqad ma' dik tal-prinċipju ta' legalità. Filwaqt li l-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tpoġġi fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji ċertu numru ta' obbligi, dan il-prinċipju jimplika wkoll l-osservanza, mill-Istati Membri, tal-obbligi stabbiliti mit-Trattat kif ukoll ċerta diliġenza min-naħa tal-operaturi ekonomiċi interessati. Dan ma kienx il-każ f'din il-kawża.

112. Din l-aspettattiva lanqas ma tista' tkun ibbażata fuq deċiżjoni ta' kompatibbiltà li l-Kummissjoni tkun adottat fir-rigward ta' skema fiskali oħra implementata minn Stat Membru ieħor.

113. Għalkemm fl-1984 il-Kummissjoni kkunsidrat li l-iskema fiskali Belġjana ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, din id-deċiżjoni tista' tikkonċerna biss l-iskema ta' ċentri ta' koordinazzjoni Belġjani peress li hija indirizzata biss lir-Renju tal-Belġju. Barra minn hekk, għalkemm din l-iskema għandha punti komuni għal dik inkwistjoni f'din il-kawża, jibqa' l-fatt li, meta tinqara d-deċiżjoni kkontestata, ix-xebh bejniethom jibqa' diskutibbli. Fil-fatt, filwaqt li fil-punt 111 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni l-Kummissjoni tirrileva li l-"l-iskema CFA għandha xebh mal-iskema istitwita fil-Belġju", hija tindika, fil-punt 101 tal-motivi tal-imsemmija deċiżjoni li "ma jistax jiġi kkontestat li huma differenti, b'mod partikolari minħabba t-teknika użata u l-forma li għandhom il-vantaġġi mogħtija".

114. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-fehma tiegħi huwa diffiċli li jiġi aċċettat li l-Kummissjoni setgħet tat lil KFF garanziji preċiżi li fuqhom setgħet tiġi bbażata aspettattiva li l-iskema CFA kienet kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Jekk din l-aspettattiva tkun ibbażata fuq deċiżjoni li l-Kummissjoni adottat fir-rigward

ta' skema fiskali nazzjonali oħra, dan jippreġudika, għal darb'oħra, l-obbligu ta' notifika previst mit-Trattat kif ukoll is-sistema kollha ta' kontroll preventiv implementata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

115. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, nikkunsidra, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, li ma teżisti ebda bażi għall-aspettattiva li KFF tinvoka f'din il-kawża.

116. Inżid li tali aspettattiva, li kieku teżisti, f'ebda każ ma tista' tkun leġittima.

b) Fuq il-leġittimità tal-aspettattiva

117. Kuntrarjament għal dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza ssostni fil-punti 132 sa 138 tas-sentenza appellata, naħseb li lanqas it-tieni kundizzjoni rikjesta mill-ġurisprudenza sabiex jiġi rikonoxxut ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi mhija sodisfatta, u dan għal żewġ raġunijiet.

118. L-ewwel nett, infakkar li KFF ma għandha ebda dritt kweżit peress li hija mhijiex benefiċjarja tal-iskema CFA. Din l-impriża ma wrietx li hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-iskema u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma taha ebda garanzija dwar il-ksib tal-awtorizzazzjoni CFA.

119. It-tieni nett, naħseb li KFF, li kieku kienet operatur ekonomiku prudenti u informat, kienet tkun f'pożizzjoni li tipprevedi l-adozzjoni ta' att Komunitarju ta' natura tali li jolqot l-interessi tagħha.

120. Fil-fatt, infakkar li fil-11 ta' Lulju 2001 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li biha bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-għajnuna. Kif irrilevat il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 133 tas-sentenza appellata, il-bidu ta' din il-proċedura jindika li l-Kummissjoni kellha dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-iskema CFA mar-regoli tat-Trattat. Huwa minnu li, kif tindika l-Qorti tal-Prim'Istanza, dawn id-dubji serji ma jimplikaw ebda kwalifikazzjoni definittiva ta' din l-iskema. Madankollu, f'każ bħal dak inkwistjoni, fejn l-iskema CFA ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni, naħseb li l-eżistenza ta' dubji serji dwar il-kompatibbiltà ta' din l-iskema hija suffiċjenti sabiex tinnega l-leġittimità tal-aspettattiva invokata minn KFF.

121. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, il-motivi spjegati fid-deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2001 setgħu jippermettu lil KFF li taħseb bi

probabbiltà suffiċjenti li l-Kummissjoni setgħet tiddikjara l-iskema CFA bħala li tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mat-Trattat [36]. Fil-fatt, wara eżami inizjali tal-elementi ta' din l-iskema, il-Kummissjoni indikat li din setgħet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li ma kienx jidher li setgħet tibbenefika minn waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 87(2) u (3) KE.

122. Barra minn hekk, nixtieq inżid li huwa diffiċli li din il-kawża titqabbel ma' dik li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, jeżistu żewġ differenzi kbar bejn dawn iż-żewġ kawżi, waħda dwar il-kwalità ta' benefiċjarja potenzjali ta' KFF u l-oħra dwar in-nuqqas ta' notifika tal-iskema CFA lill-Kummissjoni.

123. Minn naħa, kif diġà indikajt, KFF qatt ma bbenefikat minn awtorizzazzjoni CFA, kuntrarjament għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni Belġjani inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li kienu qed jitolbu t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tagħhom. F'din il-kawża, l-awtorità fiskali Olandiża qatt ma kkonfermat li KFF kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni u li hija setgħet, għalhekk, tiġi kkunsidrata bħala benefiċjarja tal-iskema CFA.

124. Min-naħa l-oħra, infakkar li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi qatt ma ħa l-prekawzjoni li jinnotifika lill-Kummissjoni l-iskema fiskali li huwa kellu l-intenzjoni li jimplementa. Għalhekk il-Kummissjoni qatt ma ħadet pożizzjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din l-iskema mar-regoli tat-Trattat, u dan kuntrarjament għall-iskema fiskali implementata mill-awtoritajiet Belġjani. Fil-fatt, f'dan il-każ tal-aħħar, l-iskema inkwistjoni kienet debitament innotifikata mir-Renju tal-Belġju, skont l-Artikolu 88(3) KE. Il-Kummissjoni kienet għalhekk indikat, fid-deċiżjonijiet tagħha tal-1984 u tal-1987 kif ukoll fir-risposta mogħtija f'isem il-Kummissjoni minn L. Brittan, il-Kummissarju responsabbli mill-kompetizzjoni, fl-24 ta' Settembru 1990, għad-domanda bil-miktub Nru 1735/90 tas-Sur Gijs de Vries, Membru tal-Parlament Ewropew [37], li din l-iskema ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87 (1) KE.

125. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi indikat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, l-aspettattiva leġittima taċ-ċentri ta' koordinazzjoni ġiet aċċettata biss f'kundizzjonijiet restrittivi ħafna u fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, huwa diffiċli ħafna li jiġi rikonoxxut li KFF kellha aspettattiva leġittima li l-iskema CFA kienet kompatibbli mar-regoli tat-Trattat meta hija ma kinitx impriża benefiċjarja ta' din l-iskema u meta din l-iskema ma kinitx innotifikata minn qabel lill-Kummissjoni.

36 — Ara l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu f'din id-deċiżjoni.

37 — ĠU 1991, C 63, p. 37.

126. Fil-fehma tiegħi, dawn l-elementi huma biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-aspettattiva invokata minn KFF, jekk teżisti, f'ebda każ mhija leġittima.

127. Għalhekk, u sa fejn it-tliet kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza sabiex jiġi rikonoxxut ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huma kumulattivi, nikkunsidra li KFF mhijiex fondata meta tinvoka dan il-prinċipju.

128. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet ukoll żball ta' liġi meta ddeċidiet li KFF setgħet tinvoka l-benefiċċju tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikors ippreżentat minn KFF huwa ammissibbli, it-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi ddikjarat fondat u għandu jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata.

C — *Sussidjarjament, fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali*

129. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata jagħti perijodu tranżitorju lill-impriżi li kienu benefiċjarji tal-iskema CFA fil-11 ta' Lulju 2001 fid-dawl tal-aspettattiva leġittima ta' dawn tal-aħħar li din l-iskema kienet kompatibbli mar-regoli tat-Trattat u fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ [38].

130. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, meta għamlet dan, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali minħabba li ma pprevediet ebda miżura tranżitorja għall-persuni taxxabbli li, bħal KFF, it-talba tagħhom għal awtorizzazzjoni kienet għadha pendenti meta saret in-notifika tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bdiet mill-prinċipju li dawn il-persuni taxxabbli seta' kellhom, bħall-impriżi kollha li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni CFA, aspettattiva leġittima li jingħataw perijodu tranżitorju raġonevoli.

1. L-argumenti tal-partijiet

131. Insostenn tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali hija żbaljata [39]. Hija essenzjalment issostni li KFF ma tistax titqabbel ma' impriżi li mhux biss kienu effettivament ibbenefikaw mill-iskema CFA iżda li kienu għamlu wkoll kummenti fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE, u li firrigward tagħhom l-awtoritajiet Olandiżi talbu skema tranżitorja.

38 — Ara l-punti 111 sa 118 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata.
39 — Punti 149 u 150 tas-sentenza appellata.

132. KFF issostni li dan l-aggravju mhuwiex ammissibbli sa fejn jirrigwarda kwistjonijiet ta' fatt li ma jistgħux jiġu mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

133. Hija ssostni li l-imsemmi aggravju, fi kwalunkwe każ, mhuwiex fondat. L-unika domanda rilevanti, f'din il-kawża, hija dwar jekk hemmx differenzi oġġettivi kbar li jiġġustifikaw trattament differenti bejn KFF u l-impriżi li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu diġà jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni CFA. Issa, hija tikkonstata li ebda waħda mill-allegati differenzi, imressqa mill-Kummissjoni, mhija ta' natura tali li tiġġustifika dan it-trattament differenti.

2. Evalwazzjoni

134. Kuntrarjament għal dak li ssostni KFF, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara t-tielet aggravju ammissibbli. Għalkemm huwa minnu li effettivament hija biss il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha l-kompetenza li tikkonstata u tevalwa l-fatti, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza li teżerċita stħarriġ fuq il-kwalifikazzjoni legali ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tislet minnhom il-Qorti tal-Prim'Istanza [40].

135. Issa, meta tqajjem dan l-aggravju, il-Kummissjoni tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistħarreġ il-konsegwenzi ta' dritt li setgħet tasal għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet li fihom jinsabu d-diversi impriżi u dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

136. Fil-fehma tiegħi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet żviluppati iktar 'il fuq, l-imsemmi aggravju huwa wkoll fondat.

137. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [41].

138. Issa, fil-fehma tiegħi huwa evidenti li KFF ma tistax tiġi ttrattata bl-istess mod bħall-impriżi li, fil-11 ta' Lulju 2001, kienu diġà jibbenefikaw mill-iskema CFA. Fil-fatt, kif diġà indikajt, KFF, bħala benefiċjarja potenzjali ta' din l-iskema, ma għandha ebda dritt kweżit u ma tista' tinvoka ebda aspettattiva leġittima, kuntrarjament għal dan il-grupp ta' impriżi. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, dan

40 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni (C-167/04 P, Ġabra p. I-8935, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra p. I-9895), punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-element għalhekk ipoġġi lil KFF f'sitwazzjoni partikolari ħafna.

139. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li hija bbażata fuq il-premessa opposta li KFF setgħet ġustament tinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, hija żbaljata.

140. Għalhekk, fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikors ippreżentat minn KFF huwa ammissibbli, it-tielet aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi ddikjarat fondat u għandu jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata.

141. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, nistieden, b'mod sussidjarju, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni fondat u sabiex tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li din l-istituzzjoni kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tat-trattament ugwali meta ma pprovdietx għal miżuri tranżitorji fir-rigward tal-persuni taxxabbli li t-talba tagħhom kienet għadha pendenti meta saret in-notifika taddeċiżjoni kkontestata [42].

42 — Nikkunsidra li ma hemmx għalfejn nanalizza l-ħames aggravju li l-Kummissjoni qajmet b'mod sussidjarju. Fil-fatt, sa fejn nikkunsidra li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata, ma hemmx għalfejn neżamina jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza effettivament wettqitx żball ta' liġi meta tat, fid-dispożittiv ta' din is-sentenza, drittijiet lill-operaturi kollha li kienu jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħal KFF.

VII — Fuq il-konsegwenzi tal-annullament tas-sentenza appellata

142. Kif diġà indikajt, nissuġġerixxi, b'mod prinċipali, lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat ammissibbli r-rikors għal annullament ippreżentat minn KFF.

143. Sa fejn il-kawża hija, fil-fehma tiegħi, fi stat li tiġi deċiża, nistieden ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tagħha, tiddeċiedi definittivament dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

144. Għar-raġunijiet li diġà spjegajt fil-punti 57 sa 68 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiena tal-fehma li r-rikors imressaq minn KFF għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, minħabba nuqqas ta' interess individwali ta' KFF.

VIII — Fuq l-ispejjeż

145. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell taħt l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess

Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Fil-kawża preżenti, peress li KFF tilfet fl-essenzjal tal-motivi tagħha, hemm lok, fil-fehma tiegħi, li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura ta' appell, kif mitlub mill-Kummissjoni.

146. Minbarra dan, l-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Fil-kawża preżenti, mill-evalwazzjoni tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza rriżulta li r-rikors għal annullament ippreżentat minn KFF huwa inammissibbli.

147. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li KFF tiġi kkundannata għall-ispejjeż kemm ta' din l-istanza kif ukoll dawk tal-istanza quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

IX — Konklużjoni

148. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara:

"1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Settembru 2007, Koninklijke Friesland Foods vs Il-Kummissjoni (T-348/03) hija annullata sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li r-rikors huwa ammissibbli.

2) Ir-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/515/KE, tas-17 ta' Frar 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-attivitajiet ta' finanzjament internazzjonali, huwa miċħud bħala inammissibbli.

3) Koninklijke Friesland Foods NV hija kkundannata għall-ispejjeż kemm ta' din l-istanza kif ukoll ta' dik quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej."